**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Novembru , 2018

Rikors Nru : 441/17AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-esponenti zzewget lill-intimat fil-21 ta' Gunju, 1996 (certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. "A" u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal — li llum huma t-tnejn maggorenni;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor

Robert John Muscat fit-23 ta' Frar, 2007 (vide kopja annessa u mmarkata bhala Dok. B)

3. Illi l-partijiet m'ghandhom ebda pendenzi bejniethom ta' kwalsijasi natura, lanqas dwar hlas ta' manteniment.
4. Illi ghaddew ferm iktar minn erba (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

> Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Noel Attard huwa mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u sabiex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi ilhom legalment separati sa mit-23 ta' Frar, 2007;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;